# Coronavirus (COVID-19): Sapport għal persuni b'diżabilità

## Il-Gateway (Modija) għad-Diżabilità

Id-Disability Gateway jipprovdi informazzjoni u referenzi għal persuni b'diżabilità li għandhom bżonn għajnuna minħabba l-coronavirus. Tista' tgħin ukoll lill-familji, lill-kerers u lill-ħaddiema tas-sapport.

Tista' tikkuntattja l-Disability Gateway fuq **1800 643 787** .

Id-Disability Gateway jista' jiġi kkuntattjat mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8am sat-8pm. Ma tistax tikkuntattjah fi tmiem il-ġimgħa jew matul festi pubbliċi nazzjonali.

Jekk int trux, jew għandek inpediment tas-smigħ jew tad-diskors, tista' ċċempel lis-Servizz Nazzjonali tar-Relay fuq **133 677**.

Jekk teħtieġ sapport f'lingwa oħra, tista' tuża s-Servizz tat-Traduzzjoni u tal-Interpretazzjoni (TIS National) billi:

- iċċempel lid-Disability Gateway fuq **1800 643 787** u staqsi għall-interpretu, jew
- ċempel TIS fuq **131 450** u staqsi biex tkun ikkonnettjat mad-Disability Gateway **1800 643 787** .

## Għalfejn għandek iċċempel lid-Disability Gateway ?

Id-Disability Gateway ġie stabbilit sabiex inti tkun tista' tkellem lil xi ħadd li jifhem il-bżonnijiet tiegħek.

Jekk qed tħossok waħdek, konfuż jew anzjuż dwar il-coronavirus jew jekk trid tiddiskuti sitwazzjonijiet speċifiċi li jaffettwaw persuni b'diżabilità, nistgħu ngħinu. Pereżempju, jekk il-ħaddiem tas-sapport tiegħek ma jkunx wasal, il-fornitur tiegħek waqqaf is-servizzi jew jekk ikun diffiċli għalik li tikseb ikel, mediċini jew oġġetti essenzjali oħra.

Id-Disability Gateway jipprovdilek informazzjoni ċara u l-fatti jkunu ċċekkjati, u jittrasferik għal servizzi li jistgħu jgħinuk aktar, bħal servizzi ta' konsulenza jew ta' min jitkellem għalik (avukatura), jekk tixtieq.

## Riżorsi aċċessibbli u tradotti dwar il-coronavirus

Hemm firxa ta' riżorsi aċċessibbli dwar il-coronavirus, inklużi Easy Read u Auslan, li huma disponibbli fuq **www.disabilitygateway.gov.au** .

Tista' ssib ukoll informazzjoni dwar il-coronavirus tradotta f'63 lingwa fuq **Il-websajt tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni** .

## L-aħħar informazzjoni

Għall-aħħar pariri u aġġornament dwar is-saħħa u dawk uffiċjali dwar il-coronavirus fl-Awstralja, inkluż liema miżuri l-Gvern u l-istat jew it-territorju tiegħek qed jimplimentaw biex inaqqsu t-tixrid tal-virus, żur il-**Websajt tal-Gvern Awstraljan** .

## Kif tagħmel ilment

Nies b'diżabilità għandhom id-dritt li jilmentaw dwar is-servizzi li jirċievu. Jekk għandek tħassib dwar is-sapport jew is-servizzi kurrenti tiegħek, tista' tikkuntattja:

- **Lin-NDIS Quality and Safeguards Commission (Lill-Kummissjoni tal-Kwalità u s-Salvagwardji tal-NDIS)** — jekk għandek tħassib dwar il-kwalità jew is-sikurezza tas-sapport jew is-servizzi tal-NDIS li tirċievi
- **Lin-National Disability Insurance Agency (L-Aġenzija Nazzjonali għall-Assigurazzjoni tad-Diżabilità (NDIA))** — jekk għandek tħassib dwar il-pjan NDIS tiegħek jew l-NDIA tiegħek
- **Lin-National Abuse and Neglect Hotline (Il-Linja Telefonika Nazzjonali Speċjali tal-Għajnuna dwar l-Abbuż u t-Traskuraġni)** — għar-rappurtar ta' abbuż u traskuraġni ta' persuni b'diżabilità
- **Lill-Complaints Resolution and Referral Service (Is-Servizz tar-Riżoluzzjoni u tar-Referenza tal-Ilmenti)** — jekk għandek tħassib dwar is-servizzi li tirċievi permezz tad-Disability Employment Services (DES) (is-Servizzi tal-Impjieg ta' dawk b'Diżabilità (DES)), l-Australian Disability Enterprises (ADE) (l-Intrapriżi Awstraljani tad-Diżabilità (ADE)) u/jew id-Disability Advocacy services (is-servizzi tal-Avukatura tad-Diżabilità)
- **Lid-DSS complaints line (Il-Linja tal-ilmenti DSS** — jekk għandek tħassib dwar kwalunkwe fornitur ieħor iffinanzjat mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali.

# Aktar informazzjoni

Il-Gvern Awstraljan jiffinanzja firxa ta' servizzi u programmi għal persuni b'diżabilità. Biex issir taf lil min ieħor tista' tkellem jew għal aktar informazzjoni żur **www.disabilitygateway.gov.au**

Aġġornata fl-aħħar ta' Frar 2021.